MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 797/2013

**WasteServ Malta Limited (C-30560)**

**Vs**

**Joseph Portelli (K.I. 440469M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tliet mija u tlettax-il ewro u tlieta u disghin centezmu (€1313.93). L-ammont mitlub jirraprezenta hlas dovut ghal servizzi ta' rimi u depozitu ta' skart u materjal fil-facilitajiet immexxija mis-socjeta' attrici.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-2 ta' Gunju, 2014 mill-Avukat Dr Victor Scerri u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa't-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf tliet mija u tlettax-il ewro u tlieta u disghin centezmu (€1313.93) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------